


Is-27 Ħadd matul is-sena • Sena A • Id-39 Sena (2062) • 5 ta' Ottubru 2008

"Isimgħu parabbola oħra: Kien hemm wieħed, sid ta' għalqa, u ħawwilha bid-dwieli; tellgħalha ħajt tas-sejjieħ madwarha, ħaffer magħsar fiha, u bnielha torri; u qabbilha lil xi bdiewa. U siefer f'art oħra. Meta wasal żmien il-frott, bagħat il-qaddejja tiegħu għand dawk il-bdiewa biex jiġbrulu l-frott li kien imissu. Iżda l-bdiewa qabdu lill-qaddejja, u lil wieħed sawwtuh, lil ieħor qatluh, u lil ieħor ħaġġruh. Reġa' bagħtilhom qaddejja oħra, aktar minn qabel, u għamlulhom l-istess. Fl-aħħar bagħtilhom lil ibnu. 'Minn ibni jistħu,' qal. Iżda kif raw lil ibnu l-bdiewa bdew jgħidu bejniethom, 'Ara l-werriet! Ejjew noqtluh, biex il-wirt tiegħu niħduh aħna.' Qabduh, xeħtuh 'il barra mill-għalqa u qatluh.Issa sid l-għalqa x'jagħmlilhom lil dawk il-bdiewa meta jiġi?" Qalulu: "Jeqridhom bla ħniena, ta' ħżiena li huma, u l-għalqa jqabbilha lil bdiewa oħra li jroddulu l-frott fi żmienu." Għalhekk ngħidilkom li s-Saltna ta' Alla tittieħed mingħandkom u tingħata lil ġens li jagħmel il-frott minnha.



**RIFLESSJONI**

- Ġesu' poġġiena fil-Knisja tiegħu, l-għalqa li hija tant għal qalbu.
- Ġesu' jħallina fil-liberta', pero' meta jasal iż-żmien jitolbok il-frott.
- Min ma' jkunx ħadem b'sens ta' responsabilta' u b'imħabba, jibda jgħir anke għal min hu tajjeb u jasal ukoll għall-vendetta.
- Jien b'liema mod qed nilqa' l-messaġġiera li jibgħatli Alla?
- Qiegħed inġib ruħi b'mod li Alla jeħodli l-grazzja tiegħu biex jaġġtiha lil min jagħmel il-frott minnha?

# IS-SEJĦA TAL-ISQOF LILL-INSARA TAD-DJOĊESI

*(mill-Ittra ta' Mons Isqof Mario Grech fl-okkażjoni tal-Missjoni Djoċesana 2008-2009)*



## Lil Kulħadd

- iftħu l-qlub tagħkom għall-ġmiel ta' Kristu
- ilqgħu bil-qalb u bil-fiduċja l-grazzja ta' din il-Missjoni

## Lis-Saċerdoti u lir-Reliġjużi

- ħallu l-grazzja taħdem fikom
- kunu għajn ta' entużjażmu għall-insara l-oħra

## Lil-Lajċi

## fl-Għaqdiet u l-Movimenti… biex jagħrfu

- magħżulin
- imsejħin
- mibgħuta

biex iwasslu l-Aħbar it-Tajba ta' Kristu fil-familji.

## Lill-Familji kollha

biex jiftħu

- mhux biss il-bibien ta' DJARHOM
- iżda wkoll il-bibien ta' QLUBHOM

ħalli jkun jista' jidħol Kristu!

*Mons Carmelo Mercieca, Arċipriet Xewkija*

## *Jistgħu jinteressawk*

| | |
|---|---|
| It-Tlieta 6 ta' Ottubru: | Laqgħa għaż-Żgħażagħ Għawdxin f'Malta (Kappellan tal-Università, Malta 7.15p.m.) |
| Il-Ġimgħa 10 ta' Ottubru: | Jum Dinji għas-Saħħa Mentali / Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani / Liturġija tal-Ftuħ tal-Missjoni Djoċesana (Parroċċa Munxar - 6pm) |
| Is-Sibt 11 ta' Ottubru: | Festa tad-Dedikazzjoni tal-Katidral |
| Il-Ħadd 12 ta' Ottubru: | Jum it-Tagħlim Nisrani / Festa tal-Madonna tal-Patroċinju (Knisja tal-Wied, Għasri) |
| Il-Ħadd 5 ta' Ottubru: | Festa ta' Kristu Sultan (Knisja Nazzarenu, Xagħra) / Missjoni Djoċesana Proklamazzjoni tal-Ftuħ tal-Missjoni Djoċesana fil-Parroċċi |

gozopress • 21551534

## It-Talba tal-ġimgħa

Mulej, Ġesu', nirringrazzjak talli għażiltni biex naħdem fil-għalqa tiegħek. Agħmel li nkun fidil għal dak li tafdali f'idejja, biex meta jasal il-waqt inroddlok frott bnin ta' mħabba.